MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Talba Numru. 43/2004

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Michael Cali**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm388.96), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21237197 (CN1009954) liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali « Victoria Flats » Flat 3, It-Telgha ta' Gwardamangia, Pieta` skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz immarkat Dok.A, u kuntratt relattiv immarkat Dok.B.**

**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-20 ta' April, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm388.96) bl-imghax legali mit-8 ta' April, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------